# Jum il-vokazzjonijiet



It-tema tal-54 Jum Dinji tal-Vokazzjonijiet hija: Vokazzjonijiet għas-servizz tal-Knisja mibgħutha. Ġesu', wara li sejjaħ lill-Appostli, bagħathom jgħallmu u jgħammdu, u hekk iservu lill-Knisja.

**Nuqqas ta' vokazzjonijiet**

Ġesu' nnifsu stqarr li l-ħsad huwa kbir u l-ħaddiema huma ftit. Il-kriżi tal-ġenerożita' kienet ukoll fi żmien Ġesu', u għadha tinħass ukoll illum.

**X'nistgħu nagħmlu**

***Talb***: Is-soluzzjoni ta' Ġesu' għall-kriżi tal-vokazzjonijiet hija waħda: "itolbu lil Sid il-ħsad jibgħat ħaddiema fil-għalqa tiegħu."

*Ġenituri*: il-ġenituri huma fattur importanti biex ixettlu l-vokazzjonijiet fil-familji tagħhom. Ġenituri bil-għaqal għandhom jgħinu u jifirħu meta xi ħadd minn uliehom jaqbad it-triq tas-Saċerdozju, tal-Ħajja Reliġjuża, jew tal-Ħajja Kkonsagrata.

***Ġenerożita':*** Is-sejħat li għamel Ġesu', għamilhom lil żgħażagħ mimlijin saħħa u ħeġġa. L-appostli għas-sejħa ta' Ġesu' 'ħallew kollox': dgħajsa, xbieki, xogħol, lil missierhom... u marru wara Ġesu'. Illum ukoll Ġesu' qed isejjaħ. Irid qlub ġenerużi li ma jqisux bix-xiber ma' min tahom kollox.

**Tfixkil**

Id-dinja bit-tħajjir tagħha qatt ma għenet lill-bniedem fl-aspirazzjonijiet tajbin tiegħu. Il-materjaliżmu, l-edoniżmu qed litteralment jimblukkaw il-moħħ u l-qalb taż-żgħażagħ u ma jħalluhomx jisimgħu s-sejħa ta' Ġesu' biex jagħżlu t-triq warajh bħala saċerdoti jew reliġjużi.

*Mons Salv Muscat, Arċipriet Nadur*

## *Jistgħu jinteressawk*

Is-Sibt 19 ta' April: it-tielet anniversarju mill-ħatra tal-Papa Benedittu XVI
Il-Ħadd 20 ta' April: issir il-ġabra għall-karita' li jqassam il-Papa magħrufa bħala "Obolo ta' San Pietru"

*gozopress • 21551534*

## It-Talba tal-ġimgħa



***Mulej Ġesu', agħmel li nkunu dejjem attenti biex nisimgħu l-leħen tiegħek u nimxu warajk ħalli nidħlu miegħek mill-bieb tal-maqjel fejn Int iżżomm fiż-żgur l-merħla tiegħek. Kompli sejjaħ ħafna żgħażagħ biex ikunu ragħajja f'ismek u mlieħom bil-kuraġġ ħalli jagħtuk tweġiba ġeneruża.***



Djoċesi ta' Għawdex

# Bulletin tal-Ħadd

Ir-4 Ħadd tal-Għid • Sena A • Id-39 Sena (2038) • 13 ta' April 2008

**Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann** **Ġw 10, 1-10**



F'dak iż-żmien: Ġesu' qal: "Fis-sewwa, fis-sewwa ngħidilkom, min ma' jidħolx fil-maqjel tan-ngħaġ mill-bieb imma jaqbeżġewwa minn band'oħra, dak hu ħalliel li jisraq. Imma min jidħol mill-bieb hu r-ragħaj tan-ngħaġ. Min ikun mal-bieb lilu jiftaħ, in-ngħaġ minn leħnu jisimgħu, u hu jsejjaħ kull waħda min-ngħaġ tiegħu b'isimha u joħroġhom barra. U meta joħrog in-ngħaġ tiegħu, huwa jmur quddiemhom u n-ngħaġ jimxu warajh, għax jisimgħu leħnu. Imma wara ħaddieħor ma jimxux, imma jaħarbu minnu, għax leħen ħaddieħor ma jafuhx." U Ġesu' reġa qalilhom: "Fis-sewwa, fis-sewwa ngħidilkom, li l-bieb tan-ngħaġ huwa jien. Dawk kollha li ġew s'issa qabli huma ħallelin, jisirqu. Iżda n-ngħaġ mhux lilhom semgħu. Jiena l-bieb: jekk xi ħadd jidħol ġewwa permezz tiegħi, isalva, u jidħol u joħroġ u jsib fejn jirgħa. Il-ħalliel ma jidħolx jekk mhux biex jisraq u joqtol u jeqred. Jiena ġejt biex ikollhom il-ħajja, u ħajja bil-kotra."

**RIFLESSJONI:**

- Ġesu' jxebbaħ lilu nnifsu mar-ragħaj li miegħu tinġabar il-merħla
- Gesu' jsejjaħ lilu nnifsu l-bieb li jagħti s-sigurta' lin-nagħag tiegħu.
- Jurina li jafna personalment u jsejħilna b'isimna.
- Bħala l-veru Ragħaj, jifthilna għajnejna minn dawk li jidħlu fostna biex jagħmlulna l-ħsara.
- Huwa jiggarantielna l-manteniment spiritwali tagħna u s-salvazzjoni.
- Ġesu' huwa dak li jagħti l-ħajja u l-ħajja bil-kotra li dawk li jimxu warajħ u li jħalluħ imexxihom Hu.